MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Mandat Numru. 871/2014/1

**Fl-Atti tar-Rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru 871/2014 JZM fl-ismijiet :**

**Raymond Barbara (K.I. Nru 265M) Carmel sive` Charlie Barbara (K.I. Nru 215671M) u Rafela Barbara (K.I. Nru 347044M)**

***kontra***

**Joseph Falzon (K.I. Nru. 0350134M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fid-9 ta` Gunju 2014 fejn, ghar-raguni hemm indikata u konfermata bil-gurament mir-rikorrent Raymond Barbara, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

*Jbiegh, jittrasferixxi, inehhi, jiddisponi inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratwitu, xi propjeta` u b`mod partikolari il-fond maghruf bl-isem ta` "San Francisco" fi Triq Cospicua, il-Fgura, appartjenenti lill-intimata, kif ukoll il-garaxx bin-numru estern 117 fi Triq Cospicua, il-Fgura, sottopost ghall-fond surriferit.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Gunju 2014 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat b`ghaxart ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-23 ta` Gunju 2014 fid-9.15 a.m.

Rat li l-intimat kien notifikat bl-atti promotorji fid-9 ta` Gunju 2014.

Rat ir-risposta li l-intimat ipprezenta fis-16 ta` Gunju 2014.

Rat id-dokumenti li pprezenta l-intimat flimkien mar-risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta` Gunju 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat** :

Kif *del resto* huwa evidenti anke mill-formola li ntuzat, ir-rikorrenti mhumiex isejsu t-talba taghhom ghall-hrug tal-Mandat a abbazi tal-Art.873(1) u (2) tal-Kap.12, izda abbazi ta` l-**Art.874(1) tal-Kap.12**.

Din id-disposizzjoni taqra hekk –

*Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali ; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skond ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.*

Kif jidher mir-risposta, il-kontestazzjoni tal-intimat tolqot il-qofol tal-pretensjoni tar-rikorrenti fil-mertu. Dan hareg bl-aktar mod car u inekwivoku mill-mod kif id-difensuri tal-partijiet impostaw it-trattazzjoni tar-rikors.

Din il-Qorti tirrileva li l-procedura tal-lum hija ntiza li tkun ta` natura sommarja u ristretta ghall-kawzali li abbazi taghha qeghda ssir it-talba. Mhuwiex mistenni li din il-Qorti tqis il-mertu tal-kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet. Dik hija materja ta` kompetenza tal-Qorti li quddiemha se jkun trattat il-mertu tal-kwistjonijiet ta` jedd – pretizi jew vantati – wahda jew aktar – li hemm bejn il-partijiet.

Fi procediment ta` din ix-xorta, il-Qorti trid taccerta ruhha li jissussisti dritt *mad-daqqa t`ghajn*. Fil-kaz tal-lum, almenu *mad-daqqa t`ghajn*, id-dritt tar-rikorrenti li jirreklama servigi minghand l-intimat *jidher* li jissussisti. Issa fil-kawza dwar il-mertu, jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi min mir-rikorrenti ppresta servigi. Jekk jirrizulta li r-rikorrenti – individwalment, separatament jew flimkien – pprestaw servigi, il-Qorti tistabilixxi l-*quantum*. Huwiex se jkun ammont ta` €80,000 kif qed jinghad mir-rikorrenti, huwiex se jkun aktar jew anqas, irid jigi determinat mill-Qorti li sejra tittratta u tiddeciedi l-mertu. Ghall-fini ta` dan il-procediment, l-ammont rilevanti huwa li l-kreditu pretiz ikun jaqbez l-ammont ta` €11,646.86. *Prima facie* l-pretensjoni tar-rikorrenti flimkien taqbez dan it-*threshold*.

Il-Qorti ssib illi sakemm il-pendenza bejn il-partijiet tigi deciza fil-mertu, ir-rikorrenti ghandhom dritt li jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom kontra l-intimat bil-presentata tal-procediment tal-lum anke ghaliex l-intimat ma gab l-ebda prova li ghandu fil-pussess tieghu flus jew effetti **ohra** li bihom jista` jikkawtela l-pretensjoni tar-rikorrenti fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti ssib li fit-talba tar-rikorrenti hemm sodisfatti r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat skond l-Art.874 tal-Kap.12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tar-rikorrenti billi :-**

**1) Tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex la jbiegh, la jittrasferixxi, la jnehhi, u lanqas ma jiddisponi *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratwitu : a) mill-fond maghruf bl-isem ta` "*San Francisco*" fi Triq Cospicua, il-Fgura, propjeta` tal-intimat ; u b) mill-garaxx bin-numru estern 117 fi Triq Cospicua, il-Fgura, propjeta` tal-istess intimat, u li huwa sottopost ghall-fond surriferit.**

**2) Ghall-fini tal-Art.874(3) tal-Kap.12, tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, ghas-spejjez tar-rikorrenti, tinnotifika dan il-Mandat ta` Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzommu ghaldaqshekk.**

**3) Ordni dwar il-hlas ta` l-ispejjes ta` dan il-procediment jibqa` rizervat ghall-gudizzju finali dwar il-pendenza fil-mertu bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------